

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 762/2013**tas-7 ta' Awwissu 2013****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 dwar l-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi klorpirifos, klorpirifos-metil, mankożeb, maneb, MCPA, MCPB u metiram****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għalhekk għandu jiġi emendat kif xieraq.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

(4) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fir-rigward ta' każijiet fejn l-ebda dossier supplimentari skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 ma jiġix ippreżentat mhux aktar tard minn 30 xahar qabel id-data tal-iskadenza rispettiva stabbilita fl-Anness għal dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tistabilixxi d-data ta' skadenza fl-istess data bħal dik ta' qabel dan ir-Regolament jew fl-eqreb data minn hemm 'il quddiem.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod parikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

(5) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fir-rigward ta' każijiet fejn il-Kummissjoni se tadotta Regolament li jistipola li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġgeddix minħabba li l-kriterji għall-approvazzjoni mhumiex sodisfatti, il-Kummissjoni se tistabilixxi d-data ta' skadenza fl-istess data bħal ta' qabel dan ir-Regolament jew fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament sakemm ma tiġgeddix l-approvazzjoni tas-sustanza attiva, skont liema data tkun l-aktar tard.

(1) Il-Parti A tal-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam tal-lista ta' sustanzi attivi approvati ⁽²⁾ tistipula s-sustanzi attivi meqjusa li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.(2) L-approvazzjonijiet tas-sustanzi attivi klorpirifos, klorpirifos-metil, mankożeb, maneb, MCPA, MCPB u metiram se jiskadu bejn it-30 ta' April 2016 u t-30 ta' Ġunju 2016. L-applikazzjonijiet ġew ippreżentati għat-tiġdid tal-approvazzjonijiet ta' dawn is-sustanzi attivi. Billi r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ⁽³⁾ japplikaw għal dawk is-sustanzi attivi, huwa neċessarju li jitħalla biżżejjed żmien biex l-applikanti jlestu l-proċedura tat-tiġdid skont dak ir-Regolament. Għaldaqstant, l-approvazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi attivi x'aktarx li se jiskadu qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħhom. Huwa għalhekk meħtieġ li l-perjodi tal-approvazzjoni tagħhom jiġu estenzi.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti A tal-Anness mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

- (1) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 107, MCPA, id-data tat-"30 ta' April 2016" tinbidel bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2017".
 - (2) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 108, MCPB, id-data tat-"30 ta' April 2016" tinbidel bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2017".
 - (3) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 111, klorpirifos, id-data tat-"30 ta' Ġunju 2016" tinbidel bid-data tal-"31 ta' Jannar 2018".
 - (4) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 112, klorpirifos-metil, id-data tat-"30 ta' Ġunju 2016" tinbidel bid-data tal-"31 ta' Jannar 2018".
 - (5) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 113, maneb, id-data tat-"30 ta' Ġunju 2016" tinbidel bid-data tal-"31 ta' Jannar 2018".
 - (6) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 114, mankożeb, id-data tat-"30 ta' Ġunju 2016" tinbidel bid-data tal-"31 ta' Jannar 2018".
 - (7) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 115, metiram, id-data tat-"30 ta' Ġunju 2016" tinbidel bid-data tal-"31 ta' Jannar 2018".
-